

Brussell, 12 ta' Ottubru 2015
(OR. en)

12357/15

Fajl Interistituzzjonali:
2013/0403 (COD)

CODEC 1241
JUSTCIV 218
EJUSTICE 111
PE 153

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar u r-Regolament (KE) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mill-5 ta' Ottubru sat-8 ta' Ottubru 2015)

I. INTRODUZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u d-"Dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni"¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar dan id-dossier fl-ewwel qari, biex b'hekk tiġi evitata l-ħtieġa għat-tieni qari u l-konċiljazzjoni.

F'dan il-kuntest, ir-relatriċi, is-Sinjura Lidia Joana GERINGER DE OEDENBERG (S&D-PL) ippreżentat emenda waħda ta' compromess (l-emenda 27) għall-proposta għal Regolament, fisem il-Kumitat għall-Affarijiet Legali. Din l-emenda kien intlaħaq qbil dwarha matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p.5

II. VOT

Meta vvotat fis-7 ta' Ottubru 2015, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda 27) għall-proposta għal Regolament. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk kif emendata u r-risoluzzjoni leġislattiva jikkostitwixxu l-pożizzjoni fl-ewwel qari tal-Parlament²; tirrifletti dak li kien għe preċedement maqbul bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat fil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² It-test tal-emenda adottata u r-risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew jinsabu fl-Anness. L-emenda hija ppreżentata fil-forma ta' test konsolidat, fejn il-bidliet għall-proposta tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.